MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Numru. 1128/2012

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Mandy Tanti, bint Dennis, imwielda Pieta' fl-10 ta' Mejju, 1988, karta ta' l-identita' numru 234688(M)
u
Julienne Azzopardi, bint Doris, imwielda Pieta' fit-28 ta' Marzu, 1984, karta ta' l-identita' numru 155494(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati:
1. talli fl-10 ta' Ottubru, 2012, f'xi ħin wara nofs in-nhar, ikkomettew serq minn ġewwa l-fond numru 47, Triq Nofsinhar, Valletta għad-dannu ta' Dr. Beppe Fenech Adami, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jaqbeż l-€2332.94 iżda anqas minn €2,329.37;

2. talli fl-10 ta’ Ottubru, 2012, għal ħabta tas-7.00 p.m. ġewwa l-għassa tal-pulizija tal-Belt, Valletta, bil-qerq ħolqu jew ġiegħlu jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta’ reat;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, iddenunzjaw lill-pulizija esekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq ħolqu traċċi ta’ reat b’mod li jistgħu jinbdew proċeduri Kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Frar, 2013 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Frar, 2013 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputati ikkolaboraw mal-pulizija.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 110, 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali netta u il-kollaborazzjoni tagħhom mal-pulizija. Ma tikkundanna-
homx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmulx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------